FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.

**Seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Felice Delia**
**Paul Fava**
**Stephen Fava**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazjzonijiet migjuba kontra Felice Delia detentur tal-karta ta' l-identita' 307765M, Paul Fava detentur tal-karta ta' l-identita' numru 311802L u Stephen Fava detentur tal-karta ta' l-identita' 251401L li permezz taghhom gew akkuzati talli:

*Nhar it-8 ta' Dicembru 2019 fil-hinijiet ta' bejn 2.30pm u 3.30 pm gewwa Haz-Zabbar volontarjament*

- *Taw in-nar vettura ta' l-ghamla Kia Picanto bin-numru tar-registrazzjoni ABW 525 ghad-detriment ta' Lorraine Cutajar Cunningham ID 169871M*
- *Hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn 2,500 Euro ghad-dannu ta' Lorraine Cutajar Cunningham ID 169871M u Christopher Cassar ID 578165M*
- *Kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku*

*Lil Felice Delia wahdu talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi*

- *Bil-hsieb li jwegga' lil Lorraine Cutajar Cunningham ID 169871M u Christopher Cassar ID 578165m wera dan il-hsieb b'*

*atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta xehet ammont ta' fjuwil fuq persunthom b' tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persunthom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;*

- *Ikkaguna ferita ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat Dr Ylenia Caruana MD (reg 4367) fuq il-persuna ta' Lorraine Cutajar Cunningham (ID 169871M) liema gerha sehhet b' oggett iebes (lieva twila).*

*Il-Qorti hija mitluba f' kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-Lorraine Cutajar Cunningham ID 169871M, Christopher CassarID 578165M u lil familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Felice Delia, Paul Fava u Stephen Fava b' obbligazzjoni taghhom nnifshom that penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lil imputat Felice Delia bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi li saru definitive u ma jistghux jigu mibdula.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti ezebiti

Semghet ammissjoni ta' l-imputati, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li nghataw zmien ragonevoli biex jirrikonsidraw tali ammissjoni u wara li gie spjegat lilhom il-konsegwenzi li ggib maghha tali imputazzjoni.

Rat l-artikoli tal-ligi.

Rat il-verbal maghmul fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2019 fir-rigward tal-kwantum tal-hsarat sofferti mill-parti leza.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Mis-sottomissjonijiet maghmula, irrizulta illi Paul Fava u Stephen Fava assistew lil Felice Delia f' dawn ir-reati u kellhom rwol sekondarju f' dak li gara a kuntrarju ta' Felice Delia. Il-Qorti kkunsidrat l-eta ta' entrambi Paul Fava u Stephen Fava kif ukoll il-fedina penali taghhom.

Mill-banda l-ohra, fir-rigward ta' Felice Delia kkunsidrat il-fedina penali tieghu kif ukoll zammet in konsiderazzjoni l-gravita' tal-imputazzjonijiet li bihom huwa gie akkuzat, liema imputazzjonijiet gew ammessi minnu. Il-qorti tqis li fir-rigward ta' Felice Delia, piena ta' prigunerija effettiva hija dik idoneja fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Decide

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 37, 316, 317, 318, 41(1)(a), 216, 221(1), 217, 338(dd), 383, 412C, 533, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib (i) lill-imputat Felice Delia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni stess u tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija effettiva, filwaqt li (ii) qed issib lill-imputati Paul Fava u Stephen Fava hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha (4) snin.

Il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hawn anness u li ghandu jifforma parti ntegrali minn din is-sentenza ghal zmien tlett snin mil-lum. Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputati, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Il-Qorti qed tordna li l-ammont ta' erbat elef Ewro (EUR 4,000) rapprezentanti l-hsarat sofferti mill-parti leza jigi mhallsa mill-istess hatja lill-parti leza fi zmien massimu moghti mil-ligi ghal tali hlas, u cioe' sa mhux iktar tard minn tlett snin.

Dwar it-talba ghal kundanna ta' hlas ta' spejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, il-Qorti tikkundanna lill-istess hatja biex ihallsu fl-intier l-ispejjez kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti inkarigati hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hatja u x'jigri f'kaz li jonqsu li josservawha u l-hatja ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi mibghuta lil Avukat Generali ai termini tal-ligi.

Magistrat Dottor Simone Grech